A.L. 291 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 94 ta' l-1997.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu mill-14 ta' Mejju 2004.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok is-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(2) Il-Kummissarju jew il-Kunsill jista' jikklampja jew ineħħi kull vettura meta l-liċenza tat-triq, kif imwaħħla mal-ħġieġa ta' quddiem ta' dik il-vettura, tkun skadiet bi tliet xhur li jiġu kkalkulati mill-aħħar ġurnata tax-xahar fis-sena kalendarja murija jew indikata fil-liċenza mwaħħla mal-ħġieġa ta' quddiem tal-vettura;

Iżda l-Kummissarju jew il-Kunsill jistgħu wkoll jikklampjaw jew ineħħu vettura meta ma tkunx imwaħħla liċenza mal-ħġieġa ta' quddiem ta' dik il-vettura;

Iżda wkoll dik il-vettura ma għandhiex tingħata lura lil sidha kemm-il darba u sakemm il-liċenza tat-triq ta' dik il-vettura flimkien ma' kull dritt amministrattiv dovut lill-Awtorità ma jkunux ġew imħallsa flimkien mad-dritt impost mill-Kummissarju jew mill-Kunsill kif stipulat fis-subregolament (9) (a) (b) u (ċ) ta' dawn ir-regolamenti;

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li japplikaw għal oġġetti ta' ingombru għandhom ikunu wkoll japplikaw għal vetturi bħal dawk imsemmija f'dan is-subregolament.".